MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1031/2002

**Kawza Nru:**

**Cit Nru: 1031/02 JA**

**Avukat Dr. Patrick J. Galea bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Fujitsu General (Euro) GmbH.**

**-vs-**

**Ceiling Systems Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-12 ta' Settembru, 2002 li bih l-attur nomine ppremetta:

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont fl-ekwivalenti ta' Liri Maltin skond ir-rata tal-kambju kurrenti fis-somma ta' disgha u hamsin elf seba' mija sitta u disghin, virgola wiehed u sittin Euro (Euro 59.796,61), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut ghal diversi fornituri maghmula lilha fuq inkarigu taghha stess, dan kif jirrizulta mill-fatturi hawn annessi;

Illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta (sic) gie interpellata diversi drabi biex thallas anke permezz ta' Ittra Ufficjali tal-15 ta' Lulju, 2002 u l-ittra Interpellatroja tal-11 ta' Gunju, 2002, din baqghet inadempjenti;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. tiddeciedi u tiddikjara lis-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont fl-ekwivalenti ta' Liri Maltin skond ir-rata tal-kambju kurrenti fis-somma ta' disgha u hamsin elf seba' mija sitta u disghin, virgola wiehed u sittin Euro (Euro 59.796,61), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut ghal diversi fornituri maghmula lilha fuq inkarigu taghha stess.

2. tikkundanna u tordna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont dovut u spettanti lis-socjeta' attrici kif premess, bl-imghaxijiet kummercjali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tad-dovut pagament sad-data ta' l-effettiv pagament, u dan ai termini ta' l-artikolu 1141 (1) tal-Kodici Civili;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-Ittri Ufficjali tal-15 ta' Lulju 2002 u l-ittra Interpellatorja tal-11 ta' Gunju, 2002, bl-imghax u bir-rizerva ta' kull dritt fil-Ligi.

Il-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur nomine mahlufa minnu stess fit-12 ta' Settembru, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u b' hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati;

**Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma, fl-ammont fl-ekwivalenti ta' Liri Maltin skond ir-rata tal-kambju kurrenti fis-somma ta' disgha u hamsin elf seba' mija sitta u disghin, virgola wiehed u sittin Euro (Euro 59.796,61) bl-imghaxijiet kummercjali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tad-dovut pagament sad-data ta' l-effettiv pagament, l-ispejjez tal-kawza inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-ghaxra (10) t' April, 2002 u l-ittra Interpellatorja tal-11 ta' Gunju, 2002, bl-imghax u bir-rizerva ta' kull dritt fil-Ligi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------